# Nikbru bis-Sħiħ f'dan ir-Randan

be KIDS

L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

2026

Ir-Randan huwa żmien speċjali li l-Knisja tagħtina biex nerġgħu niftakru f'dak li hu l-aktar importanti. Matul din is-sena flimkien qed nippruvaw nikbru b'mod sħiħ (Wholesome) biex b'qalbna kollha, b'ruħna kollha, b'moħħna kollu u bil-qawwa tagħna kollha, insiru dak li Alla joħlom li nsiru, u dan jista' jkun differenti ħafna mill-ħolm tagħna!

Matul dan ir-Randan permezz tat-talb, tas-sagrifiċċju u tal-karità, nitolbu lil Alla biex ibiddilna f'persuni isbaħ u aħjar.

**It-tim ta' Pastorali Tfal**

---

## L-Erbgħa tal-Irmied jew Ras ir-Randan

***Qari: Mattew 6:1-6.16-18***

Meta mmorru għall-quddies, is-saċerdot se jagħmlilna l-irmied fuq moħħna u jgħidilna: "Indmu u emmnu fil-bxara t-tajba." Din hija stedina biex ninbidlu u nsiru persuni aħjar u nemmnu f'dak li jgħidilna Alla.

Sibu rokna fid-dar, poġġu mejda u fuqha agħmlu kurċifiss. Matul dan ir-Randan, bħala familja nippruvaw ninġabru hawnhekk għat-talb tagħna.



**KONT TAF?**

L-irmied li jintuża huwa weraq taż-żebbuġ li tbierku s-sena l-oħra f'Ħadd il-Palm u nħarqu u saru irmied.

***X'se nagħmlu matul dan ir-Randan?***

*Sib it-triq it-tajba biex ikollok it-tweġiba*

**Nitolbu, nagħmlu sagrifiċċji, u nagħmlu karità**

**Kull filgħodu nitolbu lill-ġenituri tagħna jagħtuna l-flus biex inpoġġuhom fil-Karus ta' Mħabba**




**Nilbsu lbies vjola u nżommu s-skiet kull fejn inkunu**

## Ħadd il-Palm

***Qari: Mattew 21:1-11 | 26:14 – 27:66***



Fl-Evanġelju li nqara waqt it-tberik taż-żebbuġ, smajna lin-nies jgħajtu, "Hosanna lil Bin David!" ***Fuq kartonċina, nagħmlu cutouts bil-forom ta' jdejna. Inwaħħluhom flimkien biex jiffurmaw palma. Fuq il-'friegħi' niktbu kwalitajiet ta' Ġesù.***

*Skenja il-QR code għal video bl-istruzzjonijiet ta' din l-attività.*

F'dawn il-ġranet li ġejjin, nagħrfu b'**RUĦNA** kollha u nfaħħru lil Ġesù b'dawn il-kwalitajiet li għandu.

## Ħamis ix-Xirka

***Qari: Ġwanni 13:1-15***



Waqt l-Aħħar Ikla, Ġesù tana s-sagramenti tal-Ewkaristija u tal-Ordni Sagri. Permezz tas-saċerdoti, aħna nistgħu nirċievu l-Ewkaristija. Nitolbu biex ikollna l-**QAWWA** biex qatt ma nitilfu tqarbina.

***Immaġina li Ġesù qiegħed jaħsillek saqajk.***

*Fiċ-ċirku pinġi emoji ta' kif tħossok.*

## Il-Ġimgħa l-Kbira

***Qari: Ġwanni 18:1 – 19:42***

Bħal Ġesù, irridu nħobbu lil Alla bil-**MOĦĦ** tagħna kollu, billi nagħmlu dak li jrid hu. Minn xiex se niċċaħħad illum biex nuri lil Alla u lill-oħrajn l-imħabba tiegħi?



## Is-Skiet ta' Sibt il-Għid



Bħalma Ġesù qiegħed fis-skiet fil-qabar, ejja aħna wkoll noqgħodu fis-skiet, waqt li nistennew il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | A | D | R | Ċ | M | Q | I | N | B | I | D |
| T | I | B | N | S | P | O | N | Ż | A | A | F |
| Ż | L | M | U | A | Ġ | T | P | F | U | A | Ġ |
| P | O | I | S | L | S | E | D | O | E | G | V |
| X | R | Z | D | I | J | D | F | Ħ | N | O | K |
| G | L | W | Q | B | E | N | M | O | Q | L | Ħ |
| V | A | B | I | X | L | M | V | B | G | G | R |
| E | N | U | Ħ | K | H | Ċ | E | Ż | J | O | W |
| B | Z | T | K | Ż | Ċ | B | Ċ | R | L | T | I |
| T | A | D | L | U | S | J | A | N | S | A | M |
| Ħ | K | Ġ | E | T | S | E | M | A | N | I | G |
| Ż | W | I | X | P | Z | O | F | X | E | W | K |

***Sib dawn il-kliem***

*li niltaqgħu magħhom fir-rakkont tal-Passjoni ta' Ġesù*

| | |
|---|---|
| SALIB | LANZA |
| XEWK | INBID |
| IMSIEMER | ĦOBŻ |
| SPONŻA | ĠETSEMANI |
| SULDAT | GOLGOTA |

***Għal aktar riżorsi dwar ir-Randan, skenja dan il-QR code.***

## L-Ewwel Ħadd tar-Randan

**Qari: Mattew 4:1-11**

Fl-Evanġelju tal-lum nisimgħu r-rakkont ta' meta Ġesù kien fid-deżert, u wara 40 jum kien ittantat mix-xitan. ***Matul din il-ġimgħa se nippruvaw biex B'SAĦĦITNA kollha nagħmlu deċiżjonijiet tajba.***





## It-Tieni Ħadd tar-Randan

**Qari: Mattew 1:1-9**

Fuq il-muntanja Tabor, Ġesù nbidel b'mod straordinarju u leħen Alla l-Missier ikkonferma li Ġesù hu Ibnu. Aħna nemmnu li Ġesù huwa Alla. Irid ikollna ħafna **KURAĠĠ** biex nemmnu f'Ġesù, speċjalment jekk sħabna jaħsbu mod ieħor. Irid ikollna kuraġġ biex ma nibżgħux nuru li nemmnu f'Ġesù.

**Immaġina li kont fuq il-muntanja Tabor.**

*Fiċ-ċirku pinġi emoji ta' kif kont tħossok.*

## It-Tielet Ħadd tar-Randan

**Qari: Ġwanni 4:5-42**

X'se tgħallimna din il-mara Samaritana li smajna dwarha llum? Meta nagħmlu għażliet ħżiena, għandna dejjem immorru għand Ġesù, għax hu jħobbna, jilqagħna għandu u jaħfrilna. X'jagħmel l-ilma? Inaddaf u jagħtina s-saħħa. Ġesù jgħidilna li hu l-ilma li jagħti l-ħajja. Ejjew inħallu lil Ġesù jilqagħna għandu, jaħfrilna u jnaddafna mid-dnubiet tagħna. **Matul din il-ġimgħa mmorru nqerru.**



**X'inhuma il-kliem nieqsa mit-talba tal-Att tal-Indiema?**

*Imla l-vojt.*

*"Mulejja, Alla __________, Inti tħobbni ħafna. ____________ talli għidtlek le bi dnubieti. Mil-lum 'il quddiem, bil-___________ mqaddsa tiegħek, ma nerġax nagħmel __________ iżjed u rrid __________ fuq kollox."*

**Ġesù jixtieq li jkolli MOĦĦ sinċier miegħi nnifsi u mal-oħrajn.**

## Ir-Raba' Ħadd tar-Randan

**Qari: Ġwanni 9:1-41**

Bħal Ġesù rrid ngħin lill-oħrajn. Bħalu rrid ngħin b'**QALBI** kollha. Matul din il-ġimgħa nagħmlu xi att ta' karità ma' xi ħadd id-dar jew l-iskola. Nistgħu wkoll nieħdu sehem f'xi inizjattiva ta' karità li qed torganizza l-parroċċa u/jew l-iskola tagħna.



**Nara bl-għajnejn ta' qalbi**

*Fin-nuċċali ikteb xi affarijiet li għandek tagħmel ma' sħabak biex tħobbhom aktar.*





## Il-Ħames Ħadd tar-Randan

**Qari: Ġwanni 11:1-45**

Fi żmien Ġesù, lill-mejtin kienu jgeżwruhom fil-faxex. Jekk lilna jinfaxxawna minn fuq s'isfel ma nkunu nistgħu nagħmlu xejn! Bil-faxex ma aħniex imgeżwrin, imma hemm affarijiet li jżommuna lura milli nsiru aħjar! Inti, x'tixtieq tagħmel aħjar? (tapprezza l-affarijiet u t-talenti tal-oħrajn; tgħid il-verità; tgħin mingħajr tnikkir ...)

**Kompli din is-sentenza:**

*Ġesù qal: "Jien hu l-__________ u l-_________."*

**Matul ir-Randan, aħna niċċelebraw żewġ festi sbieħ.**

*Tafu liema huma? Irranġa l-ittri u iktibhom fil-kaxex fl-ordni t-tajba.*

☐☐☐ ☐☐☐☐☐☐

A E Ġ N P Ż P S U

T B E Ħ I A
A T I L M R
J B U T L A

☐☐ - ☐☐☐☐☐☐☐☐

☐☐☐ - ☐☐☐☐☐

Ħjiel: Waħda mill-festi niċċelebrawha fid-19 ta' Marzu, u l-oħra fil-25 ta' Marzu